MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2003

Appell Kriminali Numru. 184/2003

Il-Pulizija
(Spettur Bernard Zarb)
Vs

Ludvic Camilleri

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer, fit-18 ta' Frar 2002 u/jew fil-granet ta' qabel, u dawk ta' wara :
1) minghajr permess tal-Ministru, xtara jew issellef xi deheb jew xi flus barranin minghand jew biegh jew sellef xi deheb jew flus barranin minghand, jew biegh jew sellef xi deheb jew flus barranin lil, xi persuna ohra li ma tkunx negozjant awtorizzat, u dan bi ksur ta' l-artikolu 4 tal-Kap. 233 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan taht l-istess provediment ta' l-artikolu 43 tal-istess Kapitolu;

2) kellu fil-pussess tieghu, u mexxa biljetti ta’ flus falsifikati, u cioe’ 8 karti ta’ DM 500 (Deutsche Mark) li kien jaf, jew li ma kienx jaf li kienet iffalsifikata u dan bi ksur ta’ l-artikolu 45 tal-Kap. 204 tal-Ligijiet ta’ Malta;
3) minghajr awtorita’ legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli (liema prova tkun fuq l-akkuzat) xtara jew ircieva minghand xi persuna, jew kellu fil-kustodja jew pussess tieghu, biljetti tal-flus falsifikati, u cioe’ Deutsche Marks, li kien jaf li l-istess kien iffalsifikat u dan bi ksur ta’ l-artikolu 46 tal-Kap. 204 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tad-29 ta’ Settembru, 2003, li biha, wara li rat l-artikolu 4 tal-Kap. 233, l-artikolu 45 tal-Kap. 204 u l-artikolu 46 tal-Kap. 204 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imputat hati tal-akkuzzi kif dedotti kontra tieghu fuq ammissjoni tieghu stess u kkundannatu ghal hlas ta’ multa ta’ mitt lira Maltin (LM100), u ordnat il-konfiska tal-flus esebiti f’dawn l-atti favur il-Gvern.

Rat ir-rikors tal-appellant l-Avukat Generali minnu pprezentat fl-14 t’Ottubru, 2003, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi timponi piena karcerarja flok multa filwaqt li tikkonferma s-sejbien ta’ htija skond il-Ligi.

Rat l-aggravji tal-istess Avukati Generali ;

Fliet l-atti kollha proceswali;

Rat il-verbal tal-lum li bih Dr. Joseph Giglio ghall-appellat li bih wara li ha konjizzjoni tar-rikors tal-appell, in vista tal-fatt li fis-sentenza appellata ma giex invokat l-Artikolu 21 tal-Kap. 9, irrimetta ruhu ghall-appell pero’ talab li tinghata sentenza sospiza fic-cirkostanzi;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat :

Illi kif jaccetta l-istess appellat fil-verbal tal-lum, l-appell huwa ben fondat fid-dritt peress illi l-artikoli 45 u 46 tal-

Kap. 204 ma jikkontemplawx piena ohra hlief dik karcerarja u qieset ukoll il-fatt li fis-sentenza appellata ma saret ebda referenza ghall-artikolu 21 tal-Kap. 9 li jghid li f’certi cirkostanzi w ghar-ragunijiet straordinarji l-Qorti tista’ tinzel taht il-minimu preskritt mill-Ligi;

Ghaldaqstant tilqa’ l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellat hati fuq ammissjoni w ordnat il-konfiska tal-oggetti kollha inkriminati w tirrevokha in kwantu kkundannatu ghal mitt lira multa (LM100), u minflok tikkundannah mitt lira (LM100) multa ghall-infrazzjoni tal-artikolu 4 tal-Kap. 233 tal-Ligijiet ta’ Malta taht l-ewwel imputazzjoni w tikkundanna inoltre lill-appellat ghal sentejn prigunerija ghat-tieni w ghat-tielet imputazzjoni, li pero’ jibqghu sospizi ghal erba snin mil-lum u dana a tenur tal-artikolu 28A tal-Kap. 9.

Il-Qorti fissret l-import ta’ din is-sentenza lill-appellat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------